# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**AGENT PRESIDENT**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2017**

**Numru 2**

**Rikors numru 471/07 FS**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**v.**

1. **Carmelo Farrugia Melfar Limited (C2687)**
2. **Joseph u Brenda mizzewgin Farrugia**
3. **Carmelo u Carmelina mizzewgin Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ottubru 2015 li kkonfermat digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru 2011;

Rat ir-rikors tal-konvenuti li permezz tieghu talbu illi din il-Qorti thassar din is-sentenza u tordna s-smigh mill-gdid taghha a bazi tal-Artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta tal-banka rikorrenti li permezz taghha qalet li din it-talba ghandha tigi michuda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2017 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw.

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-kawza huma ampjament spjegati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li allura din il-Qorti se tirriproduci fl-intier taghha anke ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri;

> 1. "Dan huwa appell tal-intimati *Carmelo Farrugia Melfar Limited et* ["l-intimati"] minn dikriet li laqa' talba tar-rikorrenti *Bank of Valletta p.l.c.* ["ir-rikorrenti"] magħmula taħt l-art. 258(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku wara l-għeluq taż-żmien imsemmi f'dak il-pargrafu. Il-fatti relevanti huma dawn:
>
> 2. "B'kuntratt tad-29 ta' Frar 2000 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, l-intimati għarfu li għandhom jagħtu lir-rikorrenti s-somma vera, ċerta u likwida ta' mija u disgħa u tmenin elf, erba' mija u sbatax il-lira ta' Malta (Lm189,417), flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż. Billi kienu għaddew aktar minn ħames snin[1] minn dikinhar li fih il-kuntratt seta' jiġi esegwit, ir-rikorrenti talbet illi l-qorti tawtorizza l-esekuzzjoni tal-kuntratt. L-intimati wieġbu li t-talba għandha tiġi miċħuda billi ma humiex debituri tar-rikorrenti.
>
> 3. "B'dikriet tat-18 ta' Ottubru 2011 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u awtorizzat l-esekuzzjoni tal-kuntratt għas-somma ta' seba' mija u disgħa u tletin elf, disa' mija u

[1] L-art. 258(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi l-proċedura ta' rikors taħt dak l-artikolu hija meħtieġa għall-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq wara li jkun għaddew tliet snin (mhux ħamsa) minn dakinhar meta l-kuntratt seta' jiġi esegwit.

tmienja u erbgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€739,948.97) "inkluż l-imgħaxijiet ... ... ... sal-15 ta' Awissu 2008 ... ... ... *oltre* mgħaxijiet sad-data tal-ħlas".

4. "Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-qorti osservat illi l-intimati "qegħdin jibbażaw parti mid-difiża tagħhom fuq il-kunċett tal-*ultra duplum* – li l-imgħax ma għandux jeċċedi l-kapital fil-kuntratt tal-mutwu". Din ir-regola, kompliet tgħid l-ewwel qorti, "hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu", iżda "ma hix applikabbli fil-każ ta' kanonizzazzjoni ta' flus b'sentenza". Fil-każ ta' dejn kanonizzat b'sentenza l-imgħaxijiet ma jintlaqtux b'dik ir-regola għax huma regolati, minflok, bl-art. 1139 tal-Kodiċi Ċivili:

> "**1139.** … … … jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."

5. "Il-qorti mbagħad ikkonkludiet billi għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "L-intimati jsostnu li l-imgħax kellu jgħaddi fuq il-kapital biss u mhux il-kapital u l-imgħax. L-intimati sostnew li bil-mod kif inħadmu l-kontijiet mill-bank dan iwassal għal interessi komposti. Il-qorti tirrileva però li dak li hemm fil-kostituzzjoni ta' debitu ma jistax jiġi attakkat sakemm ma jinġibux provi ta' kawża li tattakka l-istess kuntratt jew xi ittra tal-bank ta' rinunzja. Imkien matul il-proċeduri ma ġie asserit li l-kostituzzjoni ta' debitu huma żbaljati. Jidher ċar li hemm is-somma likwidata u wara l-imgħax għaddejjin. Il-qorti ma tħossx li ghandha tvarja b'ebda mod il-konteġġi magħmula mill-bank għax dawn jidhru validi u infatti l-unika asserzjoni tal-intimati hija l-metodu kif inħadmu l-imgħaxijiet, ma' liema sottomissjoni din il-qorti ma taqbilx."

6. "L-intimati appellaw minn dan id-dikriet b'rikors tas-7 ta' Novembru 2011 li għalih ir-rikorrenti wieġbet fil-25 ta' Novembru 2011. L-aggravji tal-intimati huma (i) illi d-dikriet appellat imur *ultra petita* għax it-talba tar-rikorrenti kienet biss biex tiġi awtorizzata tesegwixxi l-kuntratt, bl-ispejjeż, u ma kien hemm ebda talba għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut, u (ii) illi, ukoll jekk il-qorti kellha tagħmel likwidazzjoni tal-ammont li għandu jitħallas, "dan kellu jkun f'forma ta' x'inhu s-*sorte* u minn meta kellu jibda jgħaddi l-imgħax fuq is-*sorte*" u mhux "somma waħda mingħajr distinzjoni bejn *sorte* u mgħax", sabiex tkun tista' tara jekk l-imgħax qabiżx il-kapital, bi ksur tal-projbizzjoni ta' mgħaxijiet *ultra duplum*.

7. "Dwar l-ewwel aggravju – li l-ewwel qorti kellha biss tilqa' jew tiċħad it-talba għall-esekuzzjoni tal-kuntratt u mhux ukoll tgħid x'fadal li jitħallas taħt il-kuntratt – din il-qorti tosserva illi, kif sewwa tgħid ir-rikorrenti fit-tweġiba tagħha għall-appell, l-eserċizzju li għamlet l-ewwel qorti kien meħtieġ fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-intimati "illi huma mhux debituri". Biex tara jekk dan huwiex minnu jew le l-ewwel qorti kellha bilfors tagħmel l-eserċizzju li tqabbel iċ-ċifra msemmija fil-

kuntratt biex iżżid l-imgħaxijiet li jiżdiedu mad-dejn u tnaqqas il-ħlasijiet li saru akkont. Hekk biss l-ewwel qorti setgħet tara jekk l-intimati humiex debituri u, jekk iva, ta' kemm.

8. "L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

9. "It-tieni aggravju ġie mfisser hekk:

"Fit-tieni lok anki jekk għal grazzja tal-argument l-ewwel onorabbli qorti setgħet tagħmel il-likwidazzjoni *ossia* kalkolu tal-ammont dovut, dan kellu jkun f'forma ta' x'inhu s-*sorte* u minn meta kellu jibda jgħaddi l-imgħax fuq dak is-*sorte*. Fis-sentenza appellata l-ewwel onorabbli qorti ma għamlet xejn minn dan u llikwidat l-ammont li dehrilha dovut mill-appellanti f'somma waħda mingħajr distinzjoni bejn *sorte* u imgħax.

"*Inoltre*, meta għamlet dan l-ewwel onorabbli qorti ma segwietx il-prinċipji legali bażiċi f'dan il-kamp.

"Illi r-rikors promutur ippreżentat mis-soċjetà appellata mhux rikors biex tordna l-esekuzzjoni ta' sentenza li minħabba it-trapass taż-żmien ma setgħetx tiġi esegwita mingħajr awtorizzazzjoni speċifika mill-qorti. Ir-rikors promotur huwa sabiex is-soċjetà appellata tiġi awtorizzata tesegwixxi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Issa filwaqt li f'sentenza s-*sorte ossia* l-kapital ikun speċifikat b'mod separat u b'mod ċert u l-imgħaxijiet indikati li għandhom igħaddu minn data speċifikata u bl-liema rata ta' mgħax, fil-każ odjern meta wieħed jara l-kuntratt in kwistjoni minn din iċ-ċarezza m'hemm xejn. Dan huwa importanti li jiġi kkunsidrat minħabba illi f'każ ta' kostituzzjoni ta' debitu bħal dak in kwistjoni, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ma jikkostitwixxix novazzjoni imma huwa intiż (u mhux dejjem jirnexxilu) jekk redatt tajjeb illl jikkristallizza sitwazzjoni fattwali u legali.

"Fil-każ odjern il-bank appellat kien ta self ta' Lm115,000 lis-soċjetà appellanti b'kuntratt tad-29 ta' Ottubru 1991. Is-soċjetà appellanti ġiet moruża fil-ħlasijiet u fuq talba tal-bank appellat hija, flimkien mal-appellanti l-oħra bħala garanti solidali, wara ħlas ta' Lm18,800 akkont tal-kapital, ikkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi fis-somma ta' Lm189,417, liema somma tinkludi l-imgħaxijiet dovuti sa dik id-data. L-istess kuntratt ikompli jgħid "*interest shall continue to accrue at such rate at the bank's sole discretion not exceeding the maximum rate allowed by law*".

"L-esponenti jissottomettu illi skond l-istess kuntratt ladarba d-diċitura użata hija "*interest shall continue to accrue*", jidher ċar illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi l-imgħax kellu jibqa' għaddej fuq is-*sorte* li kien dovut u mhux fuq is-somma komplessiva tas-*sorte* u mgħax. Li kieku kien mod ieħor il-kuntratt kien jgħid "*interest shall accrue on the said sum*". Iżda l-partijiet ma għażlux hekk. Issa l-bank appellat ma jistax jinterpreta l-kuntratt bħallikieku kien hemm ftehim li jgħaddi mgħax fuq is-*sorte* u l-imgħax iddikjarat bħala dovut bl-imsemmi kuntratt tal-2000. Il-kuntratt tal-2000 huwa intenzjonat biss biex ikun hemm ftehim fuq l-ammont dovut u xejn aktar. Din l-interpretazzjoni l-ewwel onorabbli qorti skartatha kompletament (minkejja enfasi mill-appellanti fit-trattazzjoni finali quddiemha) u għalhekk il-bażi legali u fattwali kollha ta' kif l-ewwel onorabbli qorti waslet għall-ammont imsemmi fid-*decide* tas-sentenza hija kompletament ħażina.

"L-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza tagħha assmumiet li kienet talba għal ħlas, meta fil-fatt dan mhux minnu. Jidher illi l-ewwel onorabbli qorti tfixklet fin-natura tal-proċeduri quddiemha b'kawża għal kanonizzazzjoni ta' kreditu, meta dan ma kienx minnu. Iżda anki jekk għal grazzja tal-argument wieħed kellu jimmaġina li din it-talba kienet hemm (jiġifieri li l-proċeduri kienu għal kanonizzazzjoni ta' kreditu), f'każ ta' mutwu huwa paċifiku illi l-imgħax ma jistax jeċċedi l-kapital. Dan l-istess l-ewwel onorabbli qorti stqarrietu, iżda mbagħad marret biex tgħid illi l-kreditu tas-soċjetà appellata kien ġej minn *overdraft*. Imma dan mhux minnu. Fil-każ odjern il-kreditu huwa naxxenti minn self sempliċi u mhux minn *overdraft*. Għalhekk l-argumenti użati mill-ewwel onorabbll qorti għar-rigward ta' *overdraft* huma kompletament irrilevanti għall-każ odjern. Jigi rilevat illi fi kwalunkwe każ huwa paċifiku wkoll illi filwaqt li jkun għadu qed jiġi operat *overdraft* hu veru illi l-prinċipju tal-*ultra duplum* ma japplikax; meta jkun hemm *call in* l-*overdraft* tiġi kkunsdirata bħal self (*mutuum*) minn dak il-mument 'il quddiem u minn dak il-mument 'il quddiem japplikaw ir-regoli tas-self ukoll għal dak li jirrigwarda l-imgħax.

"Jiġi rilevat ukoll illi l-esponenti qatt ma ssottomettew li kienu qed jattakkaw ir-validità *o meno* tal-kuntratt tas-sena 2000.

"L-esponenti ssottomettew illi l-istess ammont imsemmi fl-att tas-sena 2000 jikkonsisti f'*sorte* (kapital) u imgħax. Il-bank appellant ma ġab ebda prova fiex dan l-amnont kien jikkonsisti u għalhekk l-ewwel onorabbli qorti ma setgħet tasal għal ebda konklużjoni dwar l-ammont fil-fatt dovut. *Inoltre*, l-esponenti ssottomettew *diskette* mogħtija lilhom mill-bank stess li tindika b'mod inekwivokabbli illi l-ħlasijiet li kellhom isiru kellhom kuntrarjament għas-sistema normali jiġu approprijati għall-kapital u mhux għall-imgħax u dan sakemm jinbigħu il-proprjetà-jiet tas-soċjetà appellanti. L-unika prova li kellhom l-appellanti kienet biss id-*diskette* għax kull xhud imtella' minnhom li kien u / jew għadu impjegat tal-bank ma seta' jiftakar xejn dwar din id-*diskette*. L-ewwel onorabbli qorti minflok qagħdet fuq l-aktar ħaġa konkreta u tanġibbli (bħal *diskette* li fil-*properties* tagħha turi biċ-ċar min kien ħoloqha) ekwivalenti għal kitba ippreferiet issostni mingħajr ebda ġustifikazzjoni li din il-prova mhijiex konvinċenti. Għalhekk l-ewwel onorabbli qorti meta sostniet hekk neħħiet kriterju li seta' jwassal għall-ammont dovut."

10. "Il-kwistjonijiet essenzjalment huma tnejn: (i) l-imgħaxijiet fuq id-dejn tal-intimati jintlaqtu bir-regola ta' *ultra duplum*? Jekk jintlaqtu, trid imbagħad tara (ii) jekk, bil-kuntratt tad-29 ta' Frar 2000, li qiegħda tintalab l-esekuzzjoni tiegħu, l-imgħaxijiet li għaddew sa dakinhar ġewx kapitalizzati jew le. Jekk iva, ir-regola *ultra duplum* toqot biss l-imgħaxijiet minn dakinhar tal-kuntratt sallum; jekk le, trid tqis ukoll l-imgħaxijiet li għaddew sa dakinhar tal-kuntratt biex tista' tgħid jekk, flimkien, jaqbżux il-kapital.

11. "Il-kuntratt tad-29 ta' Frar 2000 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza jgħid hekk fil-parti li hija relevanti għal din il-vertenza:

"Whereas by virtue of a deed in my records of the twenty ninth (29th) day of October of the year one thousand nine hundred and ninety one

> (1991) the Bank had granted on loan to the Debtor the sum of one hundred and fifteen thousand Maltese liri (Lm115,000) … … …
>
> "… … …
>
> "Now therefore, the Debtor, hereby constitutes itself true, certain and liquid debtor in favour of the Bank, which accepts, in the global sum of one hundred and eighty nine thousand four hundred and seventeen Maltese liri (Lm189,417) inclusive of accrued interest to date.
>
> "Interest shall continue to accrue at such rate at the Bank's sole discretion not exceeding the maximum rate allowed by law."

12. "L-ewwel kwistjoni mela hija jekk id-dejn jintlaqatx bir-regola *ultra duplum*.

13. "Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-*Lex* 27 *Cod. de usuris* — li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u fin-Novelli 121 u 138 — li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital[2]. Dawn kienu uħud minn serje ta' interventi leġislativi maħsuba biex iħarsu lid-debitur, fosthom il-*leges fenebres* u r-regola kontra l-anatoċiżmu, li nsibuha wkoll fil-Kodiċi Ċivili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, *i.e. usuræ in obligatione*, u mhux *usuræ quæ officio iudicis præstantur*.

14. "Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti illi r-regola "hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu", u "ma hix applikabbli fil-każ ta' kanonizzazzjoni ta' flus b'sentenza", għalkemm imbagħad jidher illi qieset dejn kanonizzat b'kuntratt bħallikieku huwa kanonizzat b'sentenza għall-għanijiet tal-esenzjoni mill-*ultra duplum*. Id-dejn kanonizzat b'kuntratt, iżda, ma huwiex dovut *officio iudicis.* Fil-każ tallum id-dejn huwa kanonizzat, iżda b'kuntratt pubbliku mhux b'sentenza, u għalhekk jintlaqat bir-regola *ultra duplum*.

15. "It-tieni kwistjoni hija jekk l-imgħaxijiet li jifformaw parti mis-"somma globali" kanonizzata ta' mija u disgħa u tmenin elf, erba' mija u sbatax il-lira ta' Malta (Lm189,417) – *i.e.* id-differenza bejn is-somma globali u s-self oriġinali ta' mija u ħmistax-il elf lira ta' Malta (Lm115,000), *viz.* erbgħa u sebgħin elf, erba' mija u sbatax il-lira ta' Malta (Lm74,417) – ġewx kapitalizzati bis-saħħa tal-kuntratt tad-29 ta' Frar 2000.

16. "Il-qorti tifhem illi, ladarba ssemmiet somma speċifika – dik ta' mija u disgħa u tmenin elf, erba' mija u sbatax il-lira ta' Malta (Lm189,417) – bħala s-somma dovuta, mingħajr ma nqasmet bejn kapital u mgħax, iżda biss bħala somma waħda globali, din hija indikazzjoni ċara illi l-kapital u l-imgħax qegħdin jitqiesu bħala somma waħda u li, għalhekk, l-imgħax ġie assimilat mal-kapital: fi kliem ieħor,

---

[2] Għalkemm il-*lex de usuris* hija parti mid-dritt Malti, in-Novelli 121 u 138 ma kinux inkorporati: ara John Francia *nomine v.* Alfredo Apap, Kumm. 15 ta' Jannar 1935, Vol. XXIX-III-73, u Caterina Bonello *et v.* Giuseppa Lanzon, 14 ta' Jannar 1964, Vol. XLVIII-III-1363.

li l-imgħax dovut sa dakinhar ġie kapitalizzat. L-argument tal-intimati, imsejjes fuq il-kliem "*interests shall continue to accrue*", ifisser biss illi l-imgħaxijiet, għalkemm dawk akkumulati sa dakinhar ġew kapitalizzati, ma waqfux iżda jkomplu għaddejjin fuq il-kapital, magħduda l-imgħaxijiet kapitalizzati, dovut minn dakinhar tal-kuntratt.

17. "Ir-regola *ultra duplum* għalhekk tolqot il-kapital "ġdid" ta' mija u disgħa u tmenin elf, erba' mija u sbatax-il lira ta' Malta (Lm189,417) u tfisser illi, sakemm ma ssirx kapitalizzazzjoni oħra kif igħid l-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħaxijiet minn dakinhar tal-kuntratt ma jistgħux jaqbżu l-kapital. Għalhekk id-dejn b'kollox jista' jitla' biss sa' tliet mija u tmienja u sebgħin elf, tmien mija u tlieta u erbgħin lira ta' Malta (Lm378,843) jew tmien mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€882,445.84), li ma jeċċedix is-somma ta' seba' mija u disgħa u tletin elf, disa' mija u tmienja u erbgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€739,948.97) msemmija mill-ewwel qorti.

18. "Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-dikriet appellat.

19. "L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, kif ukoll l-ispejjeż tal-esekuzzjoni, iħallsuhom l-intimati".

Il-Qorti ghalhekk trid tinvestiga l-ewwel jekk tiskontrax applikazzjoni hazina tal-ligi jew li kien hemm zball li kien determinanti ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ai termini tal-Artikolu 811 (l) u (e) tal-Kodici tal-Procedura Civili fuq imsemmi. Dawn is-subincizi jippermettu li kawza terga' tinstema' mill-gdid jekk:

"*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*

"*għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li ddeċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;*

*...*

"*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

> *"illi jitqies li jkun hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jkunx jezisti xi fatt li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament basta li, fil-kaz wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx fatt kontestat li gie deciz bis-sentenza".*

**DWAR IZ-ZEWG LANJANZI**

Il-Qrati taghna ghamluha cara illi:

> "*Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-mottiv jekk fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw pruvati ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-lligi flok ohra li kellha tigi propjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-igi korretta ghall fatti tal-kaz xorta ma jkunx hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq il-mottiv tas-sub inciz (e)....*". (**Reginald Micallef v. Godwin Abela**, Qorti tal-Appell 3 ta' Gunju 1994).

Tajjeb ukoll wiehed ifakkar illi:

> "*Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoi strettissima. Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista jerga jiftah il-kawza u b' hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza. ...*". (**Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aqiulina**, Appell Civili, 18 ta' April 1958).

Din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Austin Bencini nomine v. Dottor Remigio Zammit Pace nomine** deciza fl-20 ta' Frar 1996 qalet fost affarijiet ohra:

> "*Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju straordinarju in kwantu jikkstitwixxi deroga ghall principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massina **res judicata pro veritate habetur**. F'dan il-kuntest tista ssir riferenza ghas-sentenza*

> *riportata fil-**Kollezzjoni Volum XXV-I-137** fejn tant tajjeb gie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazjoni;*
>
> "*Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero i supposto errore di fatto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dala legge dovendo in ogni caso prevalere la stabbilita' dell' giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche' l' autorita' della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile*.
>
> "*Minn dan .. titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima **(Vol. XXVII-I-818**). Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jista jiftah il-kawza u b' hekk indirettament johloq ghalih tribuna tat-tielet istanza, (**Vol. XLII-I-227**) li mhix permessa mill-ligi*".

L-ewwel lanjanza tar-rittratandi hija li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin ghaliex kellha tinterpreta l-kuntratt in kwistjoni a beneficcju tieghu bhala debitur skont l-Artikolu 1009 tal-Kodici Civili u li ladarba giet kapitalizzata s-somma kif imsemmi ma kellhomx jigu applikati r-regoli ghall-*overdraft* izda ghal self.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **George Xuereb v. Dorothy Xuereb** deciza fl-20 ta' Jannar 1992 gie ribadit illi:-

> "*Jista' jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk taht is-subinciz (e), jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat*".

Fil-kawza **Carmelo Busuttil v. Mary Gauci** et deciza fl- 24 ta' Jannar 1997, din il-Qorti qalet a propositu:-

> "*Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta' ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati…Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-*

*ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti*".

Din il-Qorti thoss li dak li qed titlob is-socjeta` ritrattandi hija appuntu interpretazzjoni mil-gdid tal-fatti kif prezentati quddiem il-Qorti u tal-ligi kif applikata ghall istess fatti. L-argumenti taghha huma tista' tghid ripetizzjoni tas-sottomissjonjiet taghha quddiem il-Qorti tal-Appell permezz tar-rikors tal-appell u l-lanjanza in kwistjoni hija diskussa fis-sentenza li qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha. Parti sostanzjali tas-sentenza tirribatti dawn l-argumenti u tasal ghall-konkluzjoni taghha. Kif qalet ukoll din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef v. George Pavia** (13 ta' Gunju 1995), biex jigi deciz jekk kienx hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi wiehed ma jistax jezamina mill-gdid il-fatti tal-kawza jew jerga' jinterpretahom.

Din il-lanjanza hija allura respinta.

Kif issemma, it-tieni lanjanza li sar zball li gie rifless fid-decizjoni tal-Qorti. Kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Charles Farrugia et noe v. Benny Schembri** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra u ta' awturi) biex ikun hemm l-izball ravvizat fil-paragrafu (l) tal-Art. 811 hu mehtieg li:

"*i. L-izball […] ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' krieterju jew ta' interpretazzjoni;*

> "*ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball […];*
>
> "*iii. Illi l-istess zball ikun manifest, tali cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tassentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant […]*".

Inoltre, il-kelma "*ibbazata*", fl-espressjoni wzata mill-legislatur "*…d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt…*" necessarjament tfisser li dak l-izball ikun iddetermina d-decizjoni impunjata, ossia jkun zball deciziv, b'tali mod li s-sentenza "*ivvizjata*" b'dak l-izball ma tkunx tista' tigi sanata minn xi ragunamenti ohra indipendenti minn dik zbaljata. (**Mifsud v. Zahra**, Appell, 18 ta' Gunju 1954)

Ir-ritrattandi fuq dan l-aggravju jghidu hekk: "*.. din l-Onorabbli Qorti ma ghamlet ebda riferenza ghall fatt li s-somma indikata fil-kuntratt .. ma jikkapitalizzax l-imghax*". Dan fil-fehma tal-Qorti kontrarjament ghall-argument taghhom, zgur ma jikkostitwixxi ebda zball li seta' wassal ghad-decizjoni finali. L-argument taghhom fir-rigward huwa tabilhaqq fqir u ma hemm ebda indikazzjoni ta' x'inhuwa l-att li sar zball fir-rigward tieghu. Din il-Qorti kif kostitwita, jidrilha anzi li l-Qorti diversament komposta spjegat tajjeb hafna r-ragunijiet li wassluha tiddeciedi kif iddecidiet minghajr ma ghamlet ebda zball kif qed jigi allegat. Ghalkekk il-lanjanza in kwistjoni hija respinta ukoll.

F'dan il-kaz, din il-Qorti jidrilha li huwa applikabbli l-Artikolu 223 (4) li jghid:

> "*Fil-każijiet ta' appelli u ritrattazzjonijiet fiergħa jew vessatorji, il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali tista' tikkundanna lill-appellant li jħallas lill-appellat l-ispejjeż għal darbtejn.;*".

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad it-talba tal-konvenuti ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza moghtija minnha fil-30 ta' Ottubru 2015; l-ispejjez ta' din is-sentenza a kariku ukoll tar-ritrattandi li ghandha thallas spejjez doppji kif indikat fl-Artikolu 223 (4).

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Agent President | Joseph Azzopardi<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb